# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. DUNCAN BORG MYATT**

**Udjenza ta' nhar id-19 ta' Gunju 2024**

**Talba nru. 263/2023**

**COLIN SANT**
**(KI 238072M)**

***VERSUS***

**SALVATORE MUSCAT**
**(KI 22736M)**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi permezz ta' Avviz ipprezentat fit-3 ta' Awwissu 2023 l-attur talab lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallas ihallas l-ammont ta' elfejn u hames mitt Ewro (Eur 2500.00) rapprezentanti merkanzija u petrol li l-konvenut xtara minghand l-attur u kif muri mill-fattura annessa. Bl-ispejjez u bl0imghaxijiet.

Ra illi l-attur kellu jirrikorri ghall-pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern (Fol.14), pubblikazzjoni f'gazeta lokali (Fol.22) u ta' l-affissjoni.

Illi ghas-seduta tat-22 ta' Frar 2024, deher id-difensur tal-konvenut illi minjejja illi ma kienetx giet ipprezentata risposta formali kif mitlub mil-ligi, informa lit-Tribunal illi "*in forza ta' mandat ta' sekwestru ipprezentat fis-26 ta' Mejju 2023, il-pretenzjoni tar-rikorrenti giet ikkawtelata*" filwat li kompla fl-istess verbal illi, "*il-konvenut qieghed jobbliga ruhu minn issa stess li meta dawn il-flus jigu depozitati taht l-Awtorita tal-Qorti mill-Bak Sekwestrant, huwa jghaddi sabiex jawtorizza l-izbank taghhom a favur ir-rikorrenti flimkien mad-debita kontromandat*."

Ra illi t-Tribunal fid-dawl ta' dan il-verbal, kien halla l-kawza ghal probabli cessjoni.

Ra illi minkejja l-possibilta ta' cessjoni, l-attur informa lit-Tribunal li l-hlas baqa ma sehhx.

Ra illi l-attur talab il-prosegwiment tal-kawza.

Ra illi l-konvenut la deher ghas-segwenti udjenzi u lanqas ipprezenta risposta.

Ra illi b'rizultat ta' dawn l-ommissjonijiet procedurali, t-Tribunal iddikjara illi l-konvenut kien kontumaci.

Ra l-affidavit ta' Colin Sant.

Ra d-dokumenti.

Ra l-atti processwali.

Ra illi din il-kawza thalliet ghas-sentenza.

<u>Ikkunsidra</u>

Illi il-konvenut wara li gie notifikat, informa lit-Tribunal permezz tad-difensur tiegbu u l-verbal at-22 ta' Frar 2024, illi l-konvenut kien ser jithallas l-ammont pretiz minnu permezz ta' zbank, wara li gew depozitati taht l-awtorita tal-Qorti, flejjes ghan-nom tal-konvenut u dan in segwitu ta' bejgh.

Illi minkejja dak li gie ivverbalizzat, l-attur baqa ma thallasx u ghaldaqstant talab sabiex din il-kawza tkompli permezz tal-provi. Ghaldaqstant l-attur ipprezenta affidavit fejn fih jiddikjara illi huwa s-sid ta' pompa tal-petrol bl-isem Dad's Petrol Station li tinsab fi Triq il-Mosta San Pawl il-Bahar. L-attur ighid illi bejn ix-xhur ta' Lulju u Awwissu 2019, il-konvenut kien imur ta' spiss il-pompa tal-petrol u jiehu ammont sostanzjali ta' fuel. Kien hemm drabi fejn anke xtara xi prodotti industrijali.

L-attur ikompli jghid illi kull darba li l-konvenut kien jiehu fuel jew jixtri xi haga, kienet titnizzel id-data, x ikun xtara u l-ammonti dovuti. Il-ftehim kien illi l-konvenut ihallas "*wara fi zmien ragonevoli*". Il-konvenut kien mar erbatax-il darba f'dan il-perjodu, bl-ahhar darba tkun fit-12 t'Awwissu 2019 u l-ammont kien ela ghal Eur 3,592.91. Wara insistenza ta' l-attur, il-konvenut kien hallas permezz ta' erbgha pagamenti , total ta' Eur 1, 092.91. Ghaldaqstant, l-attur ighid illi ghad baqa bilanc ta' Eur 2,500.

Illi l-attur minbarra l-affidavit tieghu, irrimetta ruhu ghall-atti processwali fosthom id-dokumenti ipprezentati mat-talba li fiha hemm il-firem tal-konvenut ghal kull darba li inxtraw affarijiet minghand l-attur.

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "*Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli,*

*jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is- smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda*."

Illi l-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d- disposizzjonijiet tas-Subtitolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis*."

Illi, dan it-Tribunal jinnota illi l-konvenut irrendu ruhu kontumaci stante illi baqa ma ipprezentax risposta. MInbarra dan, fil-verbal tat-22 ta' Frar 2024, ma saretx kontestazzjoni ghall-pretizi attrici, izda lit-Tribunal gie spjegat kif kien ser jithallas il-konvenut.

Illi t-Tribunal josserva illi, minkejja dak verbalizzat mid-difensur tal-konvenut, il-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tal-attur da parti l-konvenut iżda kontestazzjoni ta' l-istess. Għalkemm il-konvenut baqa' kontumaċi, dan ma jfissirx li hu abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħmel fil-kawża u ammetta d-domandi. F'każ ta' kontumaċja jibqa' l-oneru fuq l-attur li jressaq provi sal-grad ta' probabbilità u li jressaq l-aħjar prova. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut (*ara Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002*). L-istess intqal fis-sentenza "*Blye Engineering Co. Ltd vs. Philip Borg Bellanti et*" deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fit- 22 ta' Ġunju 2005: -

"*huwa wkoll principju ben stabbilit illi ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci dan ma kellux jinftiehem bhala li hu abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domanda. Sta ghall-gudikant li jezamina jekk it-talba hix gustifikata, indipendentement mill-kontumacja tal-konvenut. Vide Kollez. Vol. XXIX P III p 35*"

Illi fl-udjenza tal-31 ta' Mejju 2024, il-kawza thalliet ghas-sentenza abbazi tal-materjal probatorju sa dakinhar migbur in atti, u dan bl-adoperu tas-sucitat Artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fid-dawl ta' dak dikjarat mill-attur fl-affidavit tieghu u -dokumenti pprezentati t-Tribunal ma jsibx diffikultà jikkonkludi li l-attur jimmerita li jieħu l-ammont reklamat skont l-Avviż tat-Talba.

Ghalhekk, fid-dawl tal-provi mressqa mill-attur u anke bid-diskrezzjoni ekwitattiva vestita f'dan it-Tribunal *ex lege* skond l-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta t-talba attrici timmerita li tigi milqugha peress li tressqu provi tajbin.

**Decide**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta' elfejn u hames mitt Ewro (Eur 2500.00) bl-imghaxijiet mit-3 ta' Awwissu 2023 (data tal-prezentata tal-kawza odjerna) sad-data tal-hlas

effettiv u finali. L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri,huma kollha a kariku tal-konvenut.

**Avv. Duncan Borg Myatt**
Gudikatur